A.L. 190 ta' l-2006

ATT DWAR L-INBID
(KAP. 436)

Regolamenti ta' l-2006 dwar id-Denominazzjoni ta' l-Oriġini u ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 12, 13, 14 u 27 ta' l-Att dwar l-Inbid, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 dwar id-Denominazzjoni ta' l-Oriġini u ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi;

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu bħala li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju, 2005.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti dawn il-kliem u frażijiet li ġejjien għandhom jitfissru kif ġej:-

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Inbid;

"id-Direttur" tfisser id-Direttur ta' l-Agrikoltura;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabli għall-agrikoltura;

"Inbid ta' Kwalità Prodott f'Reġjun Determinat" jew "IKPRD" tfisser dawk l-inbejjed li għandhom ir-rekwiżiti neċessarji hekk kif mniżżla fir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1493/1999 u l-modifikazzjonijiet sussegwenti tiegħu;

"it-Taqsima" tfisser l-uffiċju responsabbli għall-vitikultura u l-enoloġija fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura.

Taqsima I

Klassifikazzjoni tad-Denominazzjoni ta' l-Oriġini u ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi u ta' l-iskop ta' l-applikazzjoni.

Denominazzjoni ta' l-Oriġini u Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

3. (1) Id-Denominazzjoni ta' l-Oriġini ta' l-inbejjed, hawn iżjed 'il quddiem msejħa bħala DO, tirreferi għall-isem ġeografiku ta' reġjun vitikolu, li jiġi wżat għall-produzzjoni ta' prodott magħruf, ta' kwalità tajba, li l-karatteristiċi tiegħu huma marbutin ma' l-ambjent naturali u ma' fatturi umani.

(2) Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' l-inbejjed tal-mejda, hawn iżjed 'il quddiem msejħa bħala IĠ, tirreferi għall-isem ġeografiku ta' reġjun li jiġi wżat għal xi prodott li hu magħmul minn dan ir-reġjun partikolari. L-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għandhom jinkludu qiegħa vitikola u għandhom jipproduċu nbejjed b'karratteristiċi tipiċi.

(3) Id-denominazzjoni ta' l-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi huma riżervati għall-most u nbejjed b'kundizzjonijiet li huma konformi ma' dawn ir-regolamenti.

Użu ta' DO u ta' IĠ.

4. (1) Id-Denominazzjoni ta' l-Oriġini u s-sottoreġjuni tagħhom, flimkien ma' l-indikazzjonijiet ġeografiċi, msemmija fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, jiġu wżati għall-inbejjed magħmulin minn aktar minn produttur wieħed.

(2) L-Ismijiet ġeografiċi li jiffurmaw id-Denominazzjoni ta' l-Oriġini jew l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, la jistgħu jiġu wżati biex jiddiskrivu prodotti simili jew alternattivi minn dawk msemmija fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti u lanqas ma jistgħu jiġu użati b'tali mod li jfixklu lill-konsumatur meta dan jiġi biex jidentifika l-prodotti.

(3) Kull xarba o'ra magħmula minn most jew nbid, kif ukoll nbejjed gassati kemm spumanti kemm frizzanti ma jistgħux jużaw DO jew I fid-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni tagħhom.

Klassifikazzjoni tad-DO u ta' l-IĠ .

5. (1) Id-DO u l-I msemmija fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, b'referenza għall-prodotti li jiffurmaw parti minn dawn ir-regolamenti, huma klassifikati bħala:

(i) *Denominazzjoni ta' Oriġini Kontrollata* (DOK); u

(ii) *Indikazzjoni Ġeografika Tipika* (IĠT).

(2) Most u nbejjed li jikkwalifikaw għall-klassifiki li jidhru hawn qabel jisgħu jużaw fuq it-tikketti il-forma fil-qasir ta' DOK u IĠT .

(3) *Denominazzjoni ta' Oriġini Kontrollata* tintuża għall riferimenti speċifiċi użati f'Malta biex tikkwalifika l-inbejjed hekk kif definiti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1493/1999 bħala IKPRD

(Inbejjed ta' Kwalità Prodotti f'Reġjuni Determinati), ISKPRD (Inbejjed Spumanti ta' Kwalità Prodotti f'Reġjuni Determinati), IFKPRD (Inbejjed Frizzanti ta' Kwalità Prodotti f'Reġjuni Determinati) u ILKPRD (Inbejjed Likworużi ta' Kwalità Prodotti f'Reġjuni Determinati). Id-definizzjonijiet ta' l-Unjoni Europea huma supplimentari u ma' jistgħux jie'du post dawk Maltin.

Skop territorjali.

6. (1) Denominazzjoni ta' l-Oriġini u Indikazzjonijiet Ġeografiċi jirreferu għall-ismijiet u għall-kwalifika ġeografika relatati mar-reġjuni ta' produzzjoni, użati biex jirreferu għall-inbejjed msemmija fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, li l-karatteristiċi tagħhom jiddependu mill-kundizzjonijiet naturali, skond id-dedikazzjoni vitivinikola tagħhom.

(2) Fir-reġjun ta' produzzjoni jista' jkun hemm meded iżgħar, magħrufa bħala sottoreġjuni. Dawn għandu jkollhom karatteristiċi partikolari marbutin ma' l-ambjent jew li huma tradizzjonalment rinomati, li għandhom referenza għal-isem ġeografiku jew storiku-ġeografiku jew amministrattiv, sakemm dawn ikunu msemmija u jiġu regolati b'mod aktar strett minn protokoll ta' produzzjoni għal dak l-isem u sakemm dawn ikunu relatati biss mad-denominazzjoni ta' l-oriġini relattiva.

(3) L-inbejjed klassifikati bħala DOK jistgħu jinkludu fuq it-tikketta l-varjetajiet ta' l-għeneb jew is-sinonimi tagħhom, menzjonijiet speċifiċi, referenza għat-teknika ta' vinifikazzjoni partikolari u kwalifikazzjonijiet speċifici tal-prodott skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 753/2002. Dawn it-tismijiet ħawn qabel imsemmija għandhom ikunu mniżżlin fil-protokoll tal-produzzjoni.

(4) L-Inbejjed klassifikati bħala IĠT jistgħu jniżżlu fuq it-tiketta l-varjetajiet ta' l-għeneb jew is-sinonomi tagħhom u l-kulur ta' l-inbid sakemm dawn l-indikazzjonijiet ikunu msemmija fil-protokoll tal-produzzjoni.

Speċifikazzjonijiet u tismijiet.

7. (1) Il-kelma '*Riżerva*' tista' tintuża biss għall-inbejjed DOK li m'humiex spumanti jew frizzanti u li tħallew għal perjodi ta' affinament hekk kif indikat fil-protokoll tal-produzzjoni u, bħala norma għal żmien ta' mhux anqas minn sentejn. Il-protokoll minn barra regoli o'rajn, għandu jiżgura li fuq it-tikketta titniżżel is-sena ta' meta l-inbid jiġi magħsur flimkien mar-regolamenti ta' x'għandu jinkiteb f'każ ta' taħlita ta' nbejjed minn snin differenti.

(2) Il-menzjoni "vinja tal-…" jew "*Estate*" flimkien ma' l-isem topografiku, tista' tiġi użata biss għall-użu u deskrizzjoni ta' nbejjed

DOK li jkunu ġew magħmula minn vinji ta' l-istess isem topografiku, li jkunu reġistrati fir-reġistru tal-vinji, hekk kif msemmi fir-regolament 15 ta' dawn ir-regolamenti u skond kif jiġu dikjarati fid-dikjarazzjoni annwali tal-ħsad hekk kif msemmi fir-regolament 16 ta' dawn ir-regolamenti, bil-kundizzjoni li l-għasir tal-għeneb korrispondenti jsir separatament.

(3) Il-Ministru jista', bil-parir tal-Bord li-Jirregola l-Inbid, ibiddel xi rekwiżiti u l-kondizzjonijiet mitluba għall użu ta' kliem oħrajn għall-applikazzjoni ta' regolamenti applikattivi ta' l-Unjoni Europea jew ta' xi eżiġenzi partikolari relatati ma' l-evoluzzjoni tas-settur.

Produzzjoni ta' nbejjed DOK u IĠT fl-istess reġjun ta' produzzjoni u tibdil fil-klassifikazzjoni.

8. (1) Tkun permessa il-produzzjoni ta' nbejjed DOK u IĠT fl-istess reġjun ta' produzzjoni**,** ukoll dawk magħmulin minn għeneb mkabbar fl-istess vinji, sakemm il-produttur li jkollu dan id-dritt jiddikjara kull sena, skond il-protokolli tal-produzzjoni relattivi, l-għażla tal-klassifikazzjoni ta' l-għeneb ma'sud għal kull qiegħa li tkun mniżżla separatament fil-lista tal-vinji fir-reġistru hekk kif mniżżel fir-regolament 15 ta' dan ir-regolament.

(2) Il-passaġ mill-ogħla livell ta' klassifikazzjoni ta' most u nbid DOK għal IĠT ikun permess, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1493/99, sakemm dawn ikunu mill-istess żona vitikola, u l-prodott ikollu ir-rekwiżiti mitluba għall-kwalifikazzjoni magħżula. It-tibdil fil-klassifikazzjoni tista' ssir mill-proprjetarju nnifsu, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1493/99 u l-proprjetarju għandu, għal kull partita (*lot*), jinforma lit-Taqsima, qabel ma jisiru l-annotamenti obbligatorji fir-reġistri.

(3) L-ismijiet ġeografiċi u s-sottoreġjuni mogħtijin lill-inbejjed DOK ma' jistgħux jingħataw lill-inbejjed IĠT.

(4) It-taħlit ta' tnejn jew aktar mosti jew nbejjed ikklassifikati bħala DOK jew IĠT jwassal għal telf tad-dritt li tintuża d-denominazzjoni ta' l-oriġini għall-prodott finali, għalkemm mandankollu dan jista' jiġi klassifikat bħala nbid IĠT jekk ikollu il-karatteristiċi neċessarji.

(5) Id-Direttur jista', bil-parir tal-Bord li-Jirregola l-Inbid, jawtorizza għal perjodu ta' transizzjoni sa massimu ta' ħames snin, l-użu ta' IĠT rikonoxxut, magħmul minn varjeta li mhux klassifikata, li għaliha tkun saret talba biex din tiġi rikonoxxuta fil-lista tal-varjetajiet ta' l-għeneb ta' l-inbid li huma awtorizzati jew li għadhom ta't osservazzjoni. Meta dawn il-varjetajiet ta' l-għeneb ta' l-inbid jiġu klassifikati, l-użu ta' l-IĠT isir wieħed definittiv.

Għarfien ta' DOK jew ta' IĠT.
Approvazzjoni tal-protokolli tal-produzzjoni.

9. (1) Id-DOK u l-IĠT jintużaw għal dawk il-prodotti hekk kif msemmija fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, skond il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti mitlubin għal kull każ, fil-protokoll ta' produzzjoni relattiv.

(2) L-għarfien ta' DOK u IĠT u l-limiti tar-reġjuni ta' produzzjoni rispettivi jseħħ permezz ta' l-approvazzjoni tal-protokolli tal-produzzjoni relattivi mid-Direttur, bil-parir tal-Bord li Jirregola l-Inbid.

(3) L-approvazzjoni ta' l-għarfien msemmi fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, għandha tinkludi d-data ta' minn meta il-protokoll jidħol fis-seħħ, u tista, skond il-bżonn, tagħmel kull disposizzjoni neċessarja għal perjodu ta' transizzjoni. L-approvazzjoni għandha tiġi publikata fil-Gazzetta.

(4) Id-DOK u l-IĠT ma jibqgħux rikonoxxuti meta l-inbid jiġi mħallat f'pajjiż barrani ma' nbid ieħor f'kull miżura u ta' kull oriġini, ukoll jekk dik il-prattika tkun aċċettata mil-liġijiet tal-pajjiż fejn din tkun seħħet u ta' fejn il-prodott jiġi imbottiljat.

Protokolli tal-produzzjoni.

10. (1) Fil-protokolli tal-produzzjoni ta' l-inbejjed DOK, li jiġu proposti minn persuni interessati u approvati mid-Direttur, għandhom jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) id-Denominazzjoni ta' l-Oriġini, is-sottoreġjuni possibli u t-tipi differenti ta' nbejjed;

(ii) il-limiti tar-reġjuni ta' produzzjoni ta' l-għeneb. Qiegħat li m'humiex ta' kwalità tajba għandhom jiġu esklużi; dawn l-esklużjonijiet għandhom jiġu verifikati mit-Taqsima;

(iii) il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni, partikolarment il-karatteristiċi naturali ta' l-ambjent, li jinkludu l-klima, il-ħamrija, l-orjentazzjoni, l-altitudini u l-esposizzjoni;

(iv) il-bażi ampellografika li tinkludi l-varjetajiet ta' l-għeneb li jagħmlu parti minn tipoloġiji ta' nbid differenti u l-perċentaġġ ta' l-użu tagħhom;

(v) l-anqas għadd ta' dwieli li jkunu jinstabu f'kull ettaru u l-metodu ta' tkabbir, il-metodu ta' żabra, u l-projbizzjoni ta' produzzjoni eċċessiva;

(vi) il-produzzjoni massima ta' nbid għal kull ettaru, skond il-kwantità u l-kwalità ta' riżultati għall-ħames snin preċedenti. Il-

limitu ta' produzzjoni ta' nbid għal kull ettaru jista' jinbidel skond il-varjeta, is-sottoreġjuni u l-frazzjonijiet. Id-Direttur jista' abbażi ta' kontrolli li jsiru mit-Taqsima u bil-parir tal-Bord li-Jirregola l-Inbid, inaqqas jew iżid il-produzzjoni massima sa mhux aktar minn 20%, skond il-karatteristiċi tas-sena ta' l-inbid jew biex jinħoloq bilanċ fis-suq.

(vii) il-kontenut ta' alkoħol minimu naturali fl-għeneb waqt il-ħsad, mogħti bħala volum għal kull volum (v/v). Dan għandu jiġi kalkulat skond ir-riżultati tal-ħames snin preċedenti u għandu ikun distint għal kull varjeta u sottoreġjuni konċernati. Il-valur għandu jkun skond ir-regolamenti ta' l-Unjoni Europea taż-zoni tal-vitkultura relatati mal-IKPRD. Il-kontenut alkoħoliku naturali ta' nbejjed magħmulin minn għeneb mkabbar fl-istess reġjuni għandu jkun progressivament ogħla fl-inbejjed DOK mill-inbejjed IĠT. Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1493/99 id-Direttur jista', fuq rapport li jsir mit-Taqsima fuq l-evoluzzjoni tal-klima tar-reġjun u bil-parir tal-Bord li-Jirregola l-Inbid, ibiddel kull sena l-valur minimu ta' alkoħol naturali li għandu jkun preżenti fl-għeneb li jikkwalifikaw għal produzzjoni ta' nbejjed DOK;

(viii) il-protokolli tal-vinifikazzjoni li għandhom jinkludu ir-reġjun tal-vinifikazzjoni, ir-reġjun ta' l-imbottiljar, il-produzzjoni ta' l-għeneb skond l-inbid prodott għal varjetajiet differenti, il-metodi ta' l-iproċessar ta' l-għeneb, id-data meta l-inbid għandu joħroġ fis-suq, il-limitazzjonijiet għal kull prattika enoloġika permessa fil-Komunita u r-regolamenti nazzjonali (żieda taz-zokkor, aċidita eċċ);

(ix) il-karattersitiċi fisiċi, kimiċi u organolettiċi ta' l-inbid, li jinkludu l-kontenut minimu ta' alkoħol f'volum għal kull volum tat-tipi differenti ta' nbejjed meta dawn jiġu kunsmati;

(x) dettalji u modalitàjiet għal possibilità ta' perjodu minimu li l-inbid jitħalla ġo btiti u affinament ta' l-inbid fil-flixkun;

(xi) xi regoli partikolari għad-disinn u preżentazzjoni tat-tiketta bħal ma huma informazzjoni fakultattiva, referenzi għal xi lokalità, daqs tat-tipa u pożizzjoni fuq it-tiketta, is-sena ta' l-għasir u r-regoli li għandhom jitħarsu f'każ ta' taħlit ta' nbejjed minn snin differenti;

(xii) xi regoli partikolari li għandhom x'jaqsmu ma' dawk fis-seħħ għall-ippakjar inklużi l-volum, tip ta' reċipjent, u sistema ta' siġill.

(2) Id-Direttur jista' jistabilixxi elementi oħrajn li għandhom jiġu inklużi fil-protokolli fuq bażi fakultattiva.

(3) Il-protokolli jistgħu jiġu emendati permezz ta' talba bil-miktub li għandha tiġi ppreżentata lit-Taqsima mill-partijiet interessati. Mat-talba msemmija għandha tiġi mehmuża kopja preliminari tal-protokoll il-ġdid.

(4) It-talbiet għat-tibdil għandhom jiġu ppreżentati flimkien ma:

(i) rapport miktub minn esperti speċjalizzati fis-settur; fir-rapport għandha ssir referenza għal informazzjoni esperimentali ta' mhux inqas minn tlett snin ta' riċerka, flimkien ma' ċertifikazzjoni ta' l-objettivita` u l-validita tat-talba;

(ii) analiżi kimika u fiżika li permezz tagħha jiġi konfermat li ma kien hemm ebda influwenza negattiva fuq il-kampjuni ta' l-inbejjed minħabba fil-modifikazzjonijiet mitluba;

(iii) analiżi organolettiċi, flimkien ma' rapport speċifiku li jsir minn *tasting panel* kompetenti, li fih jidher titjib sensorjali tal-prodott permezz tal-modifikazzjonijiet mitlubin, jew iż-żamma tal-kwalità medja ta' l-inbejjed li jkunu diġa fil-produzzjoni.

(5) Il-Bord li-Jirregola L-Inbid jista' jinnomina kummissjonijiet magħmulin mill-membri tiegħu stess u minn esperti oħrajn li ma' jkunux membri tal-bord, sabiex isiru l-verifiki neċessarji għall-approvazzjoni tat-tibdiliet proposti.

(6) Meta jsiru talbiet ta' tibdil fil-protokolli tal-produzzjoni, dawn għandhom ikunu skond ir-regolamenti għal għarfien tad-DOK u l-IĠT.

(7) Fil-protokolli tal-produzzjoni ta' nbejjed IĠT, li għandhom jiġu approvati mid-Direttur, għandu jiġi stabbilit dan li ġej:

(i) l-indikazzjoni ġeografika;

(ii) it-tipoloġiji enoloġiċi, flimkien ma' dawk li jagħmlu referenza għall-varjeta tad-dwieli u l-kulur;

(iii) limitazzjonijiet tar-reġjun tal-produzzjoni ta' l-għeneb;

(iv) il-varjetajiet tad-dwieli li jagħmlu parti mill-bażi ampellografika;

(v) il-produzzjoni massima ta' nbid għal kull ettaru;

(vi) il-volum minimu naturali ta' alkoħol preżenti fl-għeneb;

(vii) l-kontenut minimu ta' alkoħol fl-inbid meta dan jiġi kunsmat;

(viii) Il-karatteristiċi organolettiċi ta' l-inbid meta dan jiġi kunsmat;

(ix) kull prattika korrettiva awtorizzata (żieda taz-zokkor, aċidita eċċ).

Proċeduri għal-għarfien tad- DOK u l-IĠT.

11. (1) It-talba għal għarfien jew modifika ta' DOK jew IGT, għandha tiġi ppreżentata minn organizzazzjonijiet assoċjattivi tal-produtturi, flimkien mad-dokumenti me'tieġa skond ir-regolament 10 ta' dawn ir-regolamenti, lit-Taqsima biex din tieħu l-passi neċessarji sabiex tmexxiha lid-Direttur u lill-Bord li Jirregola l-Inbid biex tiġi ipproċessata.

(2) Dawn l-organizzazzjonijiet, msemmija fis-sub-regolament (1) ta' dan ir-regolament, għandhom jirrapreżentaw mill-inqas 35% (20% fil-każ ta' IĠT) tal-bdiewa li jkabbru dwieli u 35% tal-produzzjoni.

(3) Sabiex tesprimi parir favorevoli għar-rikonoxximent ta' DOK u IĠT, ħamsa minn tmien membri tal-Bord li Jirregola l-Inbid għandhom jivvutaw favur.

(4) Sabiex tesprimi parir favorevoli għall-għarfien ta' sottoreġjuni jew tibdil fil-protokolli tal-produzzjoni, maġġoranza ta' ħamsa minn tmien membri tal-Bord li Jirregola L-Inbid għandhom jivvutaw favur it-talba.

(5) Il-protokolli tal-produzzjoni ta' DOK u IĠT jiġu approvati permezz ta' regolamenti speċifiċi taħt l-Att u għandhom jiġu fis-seħħ fid-data indikata. Dawn il-protokolli jistgħu jiġu pubblikati, ukoll jekk bil-lingwa Ingliża biss.

(6) Il-Ministru jista' jistabbilixxi derogi transitorji fuq id-data minn meta il-protokoll għandu jiġi fis-seħħ.

(7) Il-Ministru jista' jistabilixxi, bil-parir tal-Bord li Jirregola l-Inbid, derogi transitorji għall-protokolli ta' produzzjoni biex tiġi mħarsa l-produzzjoni ta' l-istess inbejjed skond il-bżonn u l-evoluzzjoni tas-settur.

12. (1) L-organizzazzjoni għall-evalwazzjoni tal-protokolli għall-inbejjed DOK u IĠT hu l-Bord li-Jirregola l-Inbid u s-sotto-kumitat tekniku tiegħu. Il-Bord li Jirregola l-Inbid.

(2) Il-kompożizzjoni, l-organizzazzjoni u r-responsabbiltajiet tal-Bord li Jirregola L-Inbid, huma regolati bl-Att.

Taqsima II

Talba għad-dritt tal-produzzjoni DOK u IĠT

13. (1) It-talba għad-dritt tal-produzzjoni DOK u IĠT issir kull sena mill-produttur ta' l-inbid interessat permezz tad-dikjarazzjoni tal-produzzjoni fuq l-għeneb relattiv kif ukol id-dikjarazzjonijiet kif preskrit mir-regolament 16 ta' dawn ir-regolamenti. Dan jista' jsir jekk l-għalqa tad-dwieli, li fihom ikun qed jitkabbar l-għeneb msemmi, ikunu miktuba fir-Reġistru tal-Vinji u mniżżla fil-lista tal-vinji hekk kif ordnat fir-regolamenti 14 u 15 ta' dawn ir-regolamenti. Dikjarazzjoni tal-produzzjoni.

(2) Biex it-talba ssir leġittima għandu jsir analiżi kimika, fiżika u organolettika fuq l-inbejjed kif ordnat fir-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti sabiex jiġu ċertifikati l-karatteristiċi li jikkorrispondu ma' dawk msemmija fil-protokoll tal-produzzjoni. Hija kundizzjoni indispensabbli għall-użu tad-denominazzjoni ċ-ċertifikazzjoni pożittiva.

14. (1) Persuni li jkabbru l-għeneb għandhom jiddikjaraw lit-Taqsima, il-qiegħat tal-vinji li jkunu ser jintużaw għall-produzzjoni ta' nbejjed DOK u IĠT sabiex tiġi stabbilita l-lista ta' vinji DOK jew IĠT. Dikjarazzjoni tal-qiegħat tal-vinji.

(2) It-Taqsima tistabbilixxi l-proċedura għad-dikjarazzjonijiet msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament.

15. (1) Għal kull nbid b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika, il-qiegħat tal-vinji rispettivi, meta jiġu dikjarati mill-produtturi ta' l-għeneb, għandhom ikunu reġistrati fil-lista tal-vinji għall-produzzjoni ta' l-inbid b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika. Dawn għandhom jiġu distinti permezz tad-DO rispettiva u tas-sottoreġjun, jekk din tkun mniżżla fil-protokoll tal-produzzjoni, jew permezz ta' l-indikazzjoni ġeografika, permezz tal-varjeta, jew tipoloġiji oħrajn li jkunu regolati. Lista tal-vinji.

(2) It-Taqsima tistabilixxi il-proċeduri għar-reġistrazzjoni fuq il-lista tal-vinji, u għal kull tibdil u aġġornament li jista jsir f'dawn il-listi.

Taqsima III

Proċeduri għat-talba tad-dritt tal-produzzjoni

Dikjarazzjoni tal-ħsad.

16. (1) Id-dikjarazzjoni tad-denominazzjoni ta' l-oriġini u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi għandhom isiru kull sena minn min ikabbar id-dwieli permezz tad-dikjarazzjoni tal-ħsad, skond il-formula maħruġa mit-Taqsima.

(2) Id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppreżentata mill-bidwi interessat lit-Taqsima f'żewġ kopji, li waħda minnhom tkun oriġinali. It-Taqsima tagħti lura il-kopja tad-dikjarazzjoni bit-timbri u l-firem meħtieġa bħala rċevuta.

(3) Flimkien mal-proċedura fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, it-Taqsima għandha tniżżel fir-reġistru tal-vinji l-informazzjoni miġbura permezz tad-dikjarazzjoni tal-'sad u miċ-ċertifikati maħruġa għad-DOK jew IĠT.

(4) Sabiex tiżgura li l-informazzjoni fuq il-produzzjoni mogħtija mill-bidwi tkun korretta it-Taqsima għandha ta' kull sena:

(i) tistabbilixxi l-produzzjoni medja indikattiva tad-DOK, skond il-kontenut minimu ta' l-alkoħol naturali fl-għeneb u l-progress klimatiku u ta' xi kundizzjonijiet ta' koltivazzjoni oħrajn; u

(ii) tivverifika li l-produzzjoni totali ta' l-għeneb għal kull ettaru ta' vinji għal produzzjoni tad-DOK ma tkunx akbar mill-ammont stabbilit fil-protokoll tal-produzzjoni, filwaqt li tikkonsidra xi żidiet jew tnaqqis stabbiliti fuq bażi annwali mid-Direttur.

(5) It-Taqsima tikkontrolla kull sena il-limitu massimu tal-ħsad rispettiv u l-volum minimu ta' alkoħol naturali kemm għad-DOK, kif ukoll għall-IĠT.

(6) F'reġjunijiet fejn ikunu jinstabu fl-istess limiti denominazzjonijiet ta' l-oriġini differenti u dawn ikollhom l-istess bażi ampellografika u fejn l-għażla msemmija fir-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti tista tiġi użata fi żmien il-ħsad, id-dikjarazzjoni tal-'sad għandha tkun konformi mal-proċeduri stabbiliti fil-protokolli tal-produzzjoni.

(7) F'każ ta' produzzjoni ta' inbid li taqbeż l-massimu stabbilit fil-protokoll tal-produzzjoni, l-ammont maqbuż ma jistax jintuża għad DOK. Sakemm iż-żieda fil-produzzjoni ma taqbiżx iktar

mill-20% tal-massimu msemmi, dan l-ammont jista' jiġi użat għal produzzjoni ta' nbejjed IĠT fejn il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti neċessarji mniżżla fil-protokolli tal-produzzjoni rispettivi jkunu rispettati. Meta l-produzzjoni tkun akbar minn 20%, il-produzzjoni kollha titlef id-dritt li tiġi dikjarata bħala denominazzjoni ta' l-oriġini.

Taqsima IV

Analiżi Kimika u Organolettika

Analiżi kimika, fiżika u organolettika.

17. (1) Nbejjed magħmulin skond ir-regoli għad-desinjazzjoni u l-preżentazzjoni tad-DOK u l-protokolli tal-produzzjoni tiegħu għandhom jiġu analizzati b'mod kimiku, fiżiku, u organolettiku qabel ma dawn jiġu mbottiljati, jiġifieri qabel id-desinjazzjoni u l-preżentazzjoni tagħhom u wara li jiġu imbottiljati. L-analiżi tiċċertifika li l-karatteristiċi tagħhom ikunu jikkorrispondu għal dawk deskritti fil-protokolli tal-produzzjoni rispettivi.

(2) L-analiżi tinkludi mill-inqas il-valuri ta' l-elementi li huma karatteristiċi tat-tipoloġija ta' nbid li jkun qed jiġi eżaminat hekk kif indikat fil-protokoll tal-produzzjoni rispettiv.

(3) L-eżami organolettiku għandu jinkludi l-kulur, it-trasparenza, r-riħa u t-togħma hekk kif indikati fil-protokoll tal-produzzjoni rispettiv.

(4) L-analiżi kimika u fiżika hekk kif mitluba fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandha ssir, fuq talba tal-partijiet interessati, mil-laboratorju tat-Taqsima; l-eżami organolettiku, kif indikat fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, għandu isir minn *tasting panel* ma'tur mid-Direttur.

(5) It-*Tasting Panel* għandu jagħmel rapport fuq kull nbid individwali sa' massimu ta' 30 ġurnata minn meta tkun saret it-talba mill-produttur, biex isiru l-analiżi.

(6) Kull appell minn produtturi individwali, fuq ir-riżultati ta' l-analiżi kimiċi, fiżiċi u sensorjali, għandu jiġi ppreżentat lit-Taqsima sa mhux aktar tard minn sebat ijiem minn meta l-produttur jirċievi r-riżultat ta' l-ewwel analiżi. F'każ ta' appell, l-inbid jerġa jiġi eżaminat minn laboratorju ieħor awtorizzat, għall-analiżi kimiċi u fiżiċi, u minn *Tasting Panel* ta' l-Appell, għall-analiżi sensorjali fi żmien 'mistax–il ġurnata mid-data meta l-appell jiġi ppreżentat.

(7) It-*Tasing Panel* ta' l-Appell jiġi nominat mill-Ministru. Il-Membri tat-*Tasting Panel* ta' l-Appell ma' jistgħux ikunu parti mit-*Tasting Panel*.

(8) Il-kampjuni jittieħdu, fuq it-talba tal-partijiet interessati, mill-uffiċjali inkarigati tat-Taqsima li jkollhom is-setgħat mogħtija lilhom bl-artikolu 19 ta' l-Att.

(9) Il-kampjuni jittieħdu skond l-artikolu 20 ta' l-Att u skond il-proċeduri uffiċjali tat-Taqsima.

Taqsima V

Deskrizzjoni u preżentazzjoni ta' l-inbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini u b'indikazzjoni ġeografika

Deskrizzjoni tal-preżentazzjoni ta' l-inbejjed.

18. Għad-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' l-inbejjed DOK u IĠT, ir-regolamenti stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1493/1999 u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 753/2002 u l-modifikazzjonijiet sussegwenti, flimkien mar-regolamenti nazzjonali ma'ruġa għall-applikazzjoni tar-regolamenti komunitarji għandhom jiġu applikati.

Użu tad-DO u ta' l-IĠ.

19. (1) Mid data ta' meta d-denominazzjonijiet ta' l-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi jiġu rikonoxxuti skond ir-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti, id-denominazzjonijiet ta' l-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi ma' jistgħux jiġu użati jekk mhux b'mod konformi ma' dak li ġie stabbilit fl-għarfien.

(2) Mill-istess data msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, huwa projbit li dawn il-prodotti b'denominazzjoni ta' l-oriġini jew b'indikazzjoni ġeografika jiġu kwalifikati, direttament jew indirettament b'mod li mhux permess mill-għarfien.

(3) Skond ir-regolamenti preżenti, l-użu ta' denominazzjoni ta' l-oriġini, ma jitqiesx bħala tali jekk l-isem ġeografiku jkun jagħmel parti minn isem proprju, isem ta' soċjet‡ jew indirizzi ta' kumpanniji, għassara, rziezet, jew o'rajn. F'każ ta' ismijiet li jinkludu f'parti jew għalkollox ismijiet ġeografiċi riżervati għall-inbejjed DOK u IĠT jew li jistgħu jkunu ta' tfixkil, it-tipa użata biex dawn jiġu indikati ma' tistax tkun ta' aktar minn tlett millimetri fl-għoli u żewġ millimetri fil-wisgħa, u l-anqas ma' jistgħu jkunu, kemm fil-wisgħa kemm fl-għoli, ta' aktar minn kwart tal-qies tat-tipa użata għad-denominazzjoni tal-prodott u għall-indikazzjoni ta' l-isem tal-kumpannija jew tas-soċjetà tal-produttur, tal-bejjiegħ jew ta' min jimbottiljhom.

(4) L-għarfien ta' DOK jew ta' IĠT jeskludi l-possibiltà li jiġu wżati ismijiet ġeografiċi biex tiddeskrivi *brands* u tagħmilha obbligatorja li t-tipa użata għall-ismijiet proprji ta' kumpannji jiġu mnaqqsa skond is-subregolament (3) ta' dan ir-regolament.

(5) Minkejja r-regolament 4 (2) ta' dawn ir-regolamenti, f'każ ta' DO jew IĠ bl-istess isem, ir-rikonoxximent jista' jingħata lill-kull wieħed minnhom. Id-Direttur jistabbilixxi l-kundizzjonijiet prattiċi li permezz tagħhom, jiġu introdotti elementi validi sabiex dawn jintgħarfu minn xulxin, biex il-produtturi interessati jiġu trattati ugwalment, u biex il-konsumaturi ma' jiġux mfixkla.

(6) L-għarfien ta' denominazzjoni ta' l-oriġini teskludi il-possibilità li tiġi użata l-istess denominiazzjoni bħala indikazzjoni ġeografika.

(7) L-użu ta' l-indikazzjoni ta' varjetajiet ta' l-għeneb jew ta' indikazzjoni ġeografika għall-inbejjed DOK jew IĠT, isir kif isir, fuq it-tiketta, il-kontenitur, l-ippakkettar, it-tiketta ma' l-għonq tal-flixxkun, jew dokumenti tal-bejgħ, huma lkoll dikjarazzjonijiet li l-inbid huwa konformi ma' l-indikazzjoni u d-donominazzjoni użata.

Taqsima VI

Sistema ta' Pieni

Abbuż mill-użu tad-DO u ta' l-IĠ.

20. (1) Kull min jipproduċi, ibiegħ jew iqassam prodotti għall-konsum b'indikazzjoni ġeografika, nbejjed li ma jkollhomx ir-rekwiżiti neċessarji għall-użu ta' dik l-indikazzjoni, ikun ħati ta' reat taħt l-Att.

(2) Kull min jipproduċi, ibiegħ, jew iqassam prodotti għall-konsum b'denominazzjoni ta' l-oriġini, nbejjed li ma jkollhomx ir-rekwiżiti neċessarji għall-użu ta' dik id-denominazzjoni, ikun ħati ta' reat taħt l-Att.

(3) Is-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament ma' japplikawx għal min ibiegħ jew iqassam prodotti għall-konsum nbejjed DOK jew IĠT fl-ippakkjar oriġinali tagħhom, ħlief għal bejjiegħ li jieħu sehem fir-reat.

(4) Kull min juża id-denominazzjoni ta' l-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika għall-inbejjed li ma jkollhomx ir-rekwiżiti mitlubin għall-użu ta' dik id-denominazzjoni jew indikazzjoni, jew b'xi żieda ta' kliem bħal "qisu", "tip", "stil", "imitazzjoni", "ditta" jew kliem simili jew użu ta' termini diminuttivi jew maġġorattivi jew deformazzjonijiet oħra tad-denominazzjoni jew indikazzjoni, jew juża

xi illustrazzjonijiet, disinji, jew sinjali li jistgħu jfixklu lill-konsumatur, ikun ħati ta' reat taħt l-Att. Il-multa tingħata wkoll meta l-kliem hawn fuq msemmija, jew id-denominazzjonijiet u l-indikazzjonijiet mibdula, jidhru fuq il-kaxxi, ippakkettar, dokumenti kummerċjali u fuq kull materjal ta' reklamar.

(5) Id-Deskrizzjoni "Nbid / Nbejjed ta' Kwalità" hi riservata għall nbejjed IKPRD biss. Kull min juża din id-deskrizzjoni għall-inbejjed li ma' jkollomx ir-rekwiżiti neċessarji jkun ħati ta' reat taħt l-Att.

(6) Kull min juża d-denominazzjonijiet ta' l-oriġini jew l-indikazzjonijiet ġeografiċi bħala l-isem tal-kumpannija jew bħal dik ta' "fabbrika", "għassara", "razzett", "qasam" jew oħrajn jew l-indirizzi tagħhom ikun ħati taħt l-Att. Dan is-subregolament jiġi fis-seħħ sentejn wara li jiġi approvat l-użu tad-DOK u ta' l-IĠT.

(7) Il-partita kollha ta' l-inbid li jmur kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha titqiegħed fi stat ta' kustodja u għandha, wara li l-persuna tinsab ħatja ta' reat mill-Qorti, u fuq ordni mogħtija mill-Qorti għal dan l-iskop, titneħħa mis-suq u tiġi meqruda taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal maħtur mid-Direttur.

Ommissjoni ta' dikjarazzjonijiet u falsifikazzjoni.

21. (1) Kull min ma jagħmilx id-dikjarazzjonijiet msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) tar-regolament 14 ta' dawn ir-regolamenti ikun ħati ta' reat taħt l-Att.

(2) Kull min, skond id-dikjarazzjonijiet, msemmija mis-subregolamenti (1) u (2) tar-regolament 15 ta' dawn ir-regolamenti, jiddikjara kwantita ta' għeneb jew nbid li tkun, aktar minn dak li jkun ġie attwalment prodott, ikun ħati ta' reat taħt l-Att.

Ksur tal-liġi Komunitarja.

22. Kull min jikser ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1493/99 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 753/2002, f'dak li għandu x'jaqsam mal-mod ta' deskrizzjoni u preżentazzjoni tat-tikketti tal-fliexken jew kontenituri oħrajn ta' volum ta' mhux aktar minn 5 litri, li jkun fihom nbejjed DOK u IĠT, ikun ħati ta' reat taħt l-Att.